# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn 16 ta' Ġunju, 2025

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 6/2024 ISB**

**Fenlex Trust Services Ltd (C22030)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tas-soċjeta' rikorrenti **Fenlex Trust Services Limited**, intavolat fit-23 ta' Jannar 2024, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:-

1. *tordna u tgħarraf lir-Reġistratur tal-Kumpaniji biex l-isem tas-soċjetà Fenice Holding Limited, bin-numru ta' reġistrazzjoni C 45840, jerġa jiġi restitwit fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji sabiex b'hekk, l-istess soċjetà tkun tista' tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha, u finalment*

*titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha qatt ma ġie imħassar; u*

2. *tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji biex jagħmel dawk il-pubblikazzjonijiet u l-affarijiet l-oħra kollha hekk kif meħtieġa ai termini tal-Ligijiet applikabbli għar-restituzzjoni tal-isem tas-soċjetà Fenice Holding Limited fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji;*

U dan wara li ppremettiet:

1. *Illi s-soċjetà rikorrenti hija liċenzjata mill-MFSA sabiex toffri servizzi korporattivi u fiduċjarji f'Malta.*

2. *Illi fis-sena 2008, is-soċjetà rikorrenti daħlet bħala azzjonista tal-kumpanija Fenice Holding Limited, kumpanija Maltija li għandha numru ta' reġistrazzjoni C 45840 (minn issa "**Fenice**") u dan fil-kwalita' tagħha ta' fiduċjarja ta' ċertu Andrea Bisetto u Giulia Ceccato (minn issa, flimkien is-"**Sidien Benefiċjarji**"), li kienu dak iż-żmien is-sidien benefiċjarji ta' l-istess kumpannija.*

3. *Illi l-isem tas-soċjetà Fenice ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-10 ta' Diċembru 2020 permezz ta' ordni mogħti mir-Reġistratur tal-Kumpaniji ntimat ai termini tal-Artikolu 9(3) tal-Liġi Sussidjarja 386.19 ossia il-Companies Act (Register of Beneficial Owners Regulations), hekk kif ġie kkonfermat permezz tal-avviż ppublikat fuq is-sit tal-Malta Business Registry hawn anness bħala '**Dok FTS 1**'.*

4. *Illi r-rikorrenti fil-kapaċita' tagħha ta' fiduċjarja, kienet l-unika azzjonista tas-soċjetà Fenice Holding Limited peress illi kienet qed iżżomm 583 ishma f'isem kull wieħed miż-żewġ Sidien Benefiċjarji, u dan kif jidher mill-estratt mibgħut mill-Malta Business Registry li jidentifika l-membri tas-soċjetà Fenice fid-data tat-tħassir tal-isem tas-soċjetà Fenice minn fuq ir-Reġistru, hawn anness bħala '**Dok FTS 2**'.*

5. *Illi s-soċjetà Fenice kienet ġiet inkorporata f'Malta fil-15 ta' Diċembru tas-sena 2008 ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta - ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija hawn anness bħala '**Dok FTS 3**' - u ġiet inkorporata dak iż-żmien bħalha "holding company" biex iżżomm l-assi, inkluż diversi ishma f'numru ta' kumpaniji sussidjarji (kopja tal-Memorandum u Artikoli*

*ta' Assoċjazzjoni tas-soċjetà Fenice hawn anness bħala '**Dok FTS 4**').*

6. *Illi fid-data tat-tħassir ta' l-isem tas-soċjetà Fenice mir-Reġistru tal-Kumpaniji, din il-kumpanija kienet, u teknikament għadha azzjonista ta' diversi soċjetajiet oħra, kemm f'Malta kif ukoll fl-Ungerija (estratti meħuda mir-Registru Ungeriż li juru li Fenice hija l-azzjonista ta' tlett kumpaniji Ungeriżi senjatament, Aura Nap KFT, Sfinge KFT u Pirko KFT u ta' kumpanija ohra Maltija Ariete Consulting Ltd (C 40506) li hija defunta, mmarkati u annessi '**Dok FTS 5'**)*

7. *Dawn il-kumpaniji sussidjarji (minbarra il-kumpanija Maltija) huma attivi u huma proprjetarji ta' diversi assi ta' valur sostanzjali. Minħabba l-preżenti sitwazzjoni, bħalissa dawn il-kumpaniji jinstabu fi stat fejn l-azzjonista tagħhom m'għadhiex teżisti u b'hekk, ma jistgħux jeżerċitaw ċerti poteri li huma meħtieġa sabiex ikomplu n-negozju tagħhom u dan qed jikkawżalhom ħsara u danni nġenti.*

8. *Illi għalkemm huwa minnu li s-soċjetà Fenice naqset milli taderixxi mal-obbligi tagħha ai termini tal-Liġi Sussidjarja 386.19 sopraċitata, s-soċjetà r-rikorrenti umilment itenni li dan in-nuqqas amministrattiv ma kienx sar minħabba xi nuqqas min-naħa tagħha iżda kien kawża ta' nuqqas ta' komunikazzjoni min-naħa tas-Sidien Benefiċjarji tas-soċjetà Fenice ma' l-istess soċjetà rikorrenti b'riżultat li għal xi żmien is-soċjetà rikorrenti ma setgħetx teżegwixxi s-servizzi korporattivi u fiduċjarji tagħha fir-rigward ta' l-istess kumpanija Fenice.*

9. *Illi s-soċjetà' r-rikorrenti, bħala azzjonista fiduċjarja fis-soċjetà Fenice (ai termini tal-Artikolu 9(4) tal-Liġi Sussidjarja 386.19 sopraċitata), għandha kull interess illi l-istess soċjetà Fenice terġa titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, u dan minħabba l-fatt li l-għan ta' l-istess soċjetà għadu viġenti u bżonnjuż għaliex din il-kumpannija għad għandha reġistrat f'isimha l-ishma tal-kumpaniji sussidjarji tagħha u peress ukoll li kemm l-istess soċjetà u kif ukoll indirettament l-kumpaniji sussidjarji tagħha jistgħu jsofru telf finanzjarju nġenti f'każ li jibqgħu f'sitwazzjoni li ma jkunux jistgħu jamministraw l-assi tagħhom jekk is-soċjetà Fenice ma terġax titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji. Barra minn hekk, ma huwiex aċċettabbli fiċ-ċirkostanzi illi l-assi kollha ta' Fenice, inkluż għalhekk l-ishma kollha li tiddetjeni fis-sussidjarji tagħha jiddevolvu f`idejn il-Gvern ta` Malta kif inhu stabbilit f'Artikolu 9(3) tal-Liġi Sussidjarja 386.19 għaliex dan ikun bi ħsara għad-drittijiet fundamentali tagħha u tas-Sidien Benefiċjarji tagħha senjatament id-dritt fondamentali tat-tgawdija bla tfixkil tal-proprjetà' tagħhom.*

10. *Illi għal kull buon fini s-soċjetà rikorrenti tiddikjara illi hija ġja qed timpenja ruħha li tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi rregolarizzata l-pożizzjoni tas-soċjetà Fenice, tant li sadanitant, diġa kisbet l-assigurazzjoni għal kooperazzjoni tas-Sidien Benefiċċjarji tas-soċjetà Fenice u qiegħda fil-proċess illi tikseb ukoll l-informazzjoni u dokumentazzjoni relevanti u neċessarja kollha li għandha bżonn mill-istess Sidien Benefiċċjarji biex hi tkun tista' terġa tippresta ruħha bħala azzjonista fiduċjarja fil-kumpannija Fenice meta din il-Qorti togħġobha tirrestitwixxi l-isoċjetà Fenice.*

11. *Illi barra minn hekk, is-soċjetà esponenti diġà għamlet kuntatt mar-Reġistratur intimat u ma' l-awtoritajiet kompetenti l-oħra sabiex tottjeni rendikont tal-pendenzi u dokumentazzjoni kollha meħtieġa għal fini ta' regolarizzazzjoni tas-soċjetà Fenice mal-awtoritajiet, f'każ li din il-Qorti taċċedi għat-talba tas-soċjetà rikorrenti biex l-isem tal-imsemmija soċjetà jerġa jidħol fir-reġistru.*

Rat <u>**id-dokumenti**</u> ppreżentati mar-rikors (fol 6 sa fol 44).

Rat <u>**id-digriet**</u> tagħha tal-31 ta' Jannar 2024 li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-1 ta' Marzu 2024 fid-9:30 a.m.

Rat illi fl-1 ta' Marzu 2024, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta <u>**r-risposta**</u> tiegħu (fol 50) bid-dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi l-kumpanija surreferita fir-rikors promotur, Fenice Holding Limited (C 45840) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fil-15 ta' Diċembru 2008;*
>
> *Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha, bi ksur tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, kif ukoll kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji, tant illi l-aħħar kont annwali sottomess kien dak tas-sena 2013, filwaqt li l-aħħar prospett annwali kien dak tas-sena 2011;*
>
> *Illi l-istess kumpanija kienet ilha wkoll numru ta' snin mingħajr ebda uffiċjal tal-kumpanija, tant illi l-aħħar tibdil ta' dan l-uffiċjal sar fis-sena 2015, meta r-Reġistratur ġiet notifikata illi kien hemm ir-riżenja tas-soċjeta' direttriċi u s-segretarju tal-kumpanija, liema pożizzjonijiet baqgħu vakanti sakemm il-kumpanija damet fuq ir-Reġistru, bi ksur tal-Att dwar il-Kumpaniji. Barraminnhekk, is-soċjeta' rikorrenti tterminat il-*

*kunsens tagħha tal-użu tal-uffiċju reġistrat tal-kumpanija nhar is-16 ta' Lulju 2015 għaliex intilef kull tip ta' kuntatt mas-sidien benefiċċjarji (annessi u mmarkati bħala* ***Dok. 'A'****, in-notifiki mibgħuta lir-Reġistratur);*

*Illi tali nuqqasijiet kienu raġunijiet biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tipproċedi skont il-poteri mogħtija lilha taħt ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija biex tavża illi l-kumpanija kienet għadha qatt ma ssottomettiet l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha;*

*Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha li hu Fenice Holding Limited, 85, St. John Street, Valletta, datata s-27 ta' Lulju 2020 (annessi u mmarkati bħala* ***Dok. 'B'****, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur);*

*Illi f'din l-ittral-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar u tweġiba għall-avviż fi zmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fl-10 ta' Settembru 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi ta' min jiġi rrimarkat kif is-soċjeta' rikorrenti, kif ukoll Fenice Holding Limited jew xi uffiċjal tagħha, qatt ma oġġezzjonaw għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Reġistratur għal-ġid ta' kull min seta qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur baqgħat qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fl-10 ta' Diċembru 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi l-kumpanija njorat ukoll il-multi illi jfakkru f'tali nuqqasijiet u qatt ma ġew affettwati l-pagamenti tal-multi. Tant hu hekk, illi l-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali għar-rigward tas-soċjeta' Fenice Holding Limited jammontaw għal* ***EUR 1,200*** *filwaqt*

*illi l-penali fuq nuqqas ta' reġistrar ta' dawn il-prospetti u kif ukoll tal-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji u tal-kontijiet annwali, jammontaw għal **EUR 28,037.50,** ammont ikkalkulat sad-data tal-preżentata tar-rikors u l-ammont jiġi aġġornat wara illi jkunu ġew sottomessi d-dokumenti pendenti kollha;*

*Illi l-kumpaniji konċernati jibqgħu jinkorru dawk il-penali li jirriżultaw mil-liġi sakemm tali dokumentazzjoni u informazzjoni neċessarja tiġi ssottomessa lir-Reġistratur;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tissolleva illi hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provvediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit li m'humiex in regola mal-Att jew liġijiet sussidjarja tagħha.*

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Mejju 2024 dehru l-Avukat Maria Debono u l-Avukat Paul Felice għas-soċjeta' rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-27 ta' Mejju 2024, is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat nota (fol 75) b'affidavit ta' **Karl Diacono** u ta' **Andrea Bisetto** (fol 76 sa fol 81). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tas-soċjeta' rikorrenti li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2025, id-difensur tar-Reġistratur intimat infurmat lill-Qorti illi d-dokumentazzjoni illi kienet sottomessa mis-soċjeta' rikorrenti kienet tissodisfa lir-Reġistratur intimat, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti *ai termini* tar-**Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19** u li permezz tagħha, is-soċjeta' rikorrenti, li hija azzjonista tal-kumpanija **Fenice Holding Limited (C 45840)** qed titlob ir-rivavviment tal-istess kumpanija, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-10 ta' Diċembru 2020.

Illi, f'dan il-kuntest, is-soċjeta' rikorrenti għandha kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li l-

kumpanija *de quo* hija azzjonista ta' numru ta' kumpaniji sussidjarji li minn naħa tagħhom huma attivi u propjetarji ta' diversi assi ta' valur sostanzjali, liema kumpaniji minħabba t-tneħħija tal-kumpanija *de quo* mir-Reġistru ma jistgħux jeżerċitaw ċerti poteri li huma meħtieġa sabiex ikomplu n-negozju tagħhom, li qed jikkawżawlom ħsara u danni.

Illi s-soċjeta' rikorrenti ddikjarat mill-bidu illi hija kienet lesta li tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Fenice Holding Limited.

Fl-affidavit tiegħu, **Karl Diacono** jgħid li hu direttur tas-soċjeta' rikorrenti kif ukoll il-Kap Eżekuttiv ta' Fenlex Group of Companies, liema grupp is-soċjeta' rikorrenti tifforma parti minnu. Jispjega li s-soċjeta' rikorrenti hija liċenzjata mill-Awtorita għas-Servizzi Finanzjarji f'Malta sabiex toffri servizzi fiduċjarji u *trustee services*.

Jispjega li fis-sena 2008, il-Grupp ta' kumpaniji kien imqabbad minn Andrea Bisetto u Giulia Ceccato (is-sidien benefiċċjarji) sabiex jipprovdi numru ta' servizzi fir-rigward ta' kumpaniji u fiduċjarji.

Jgħid li Fenlex Corporate Services Ltd (C 25993), kumpanija oħra li tifforma parti mill-grupp, oriġinarjament assistiet lis-sidien benefiċċjarji sabiex jinkorporaw is-soċjeta' *de quo* fil-15 ta' Diċembru 2008 taħt il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jispjega li l-kumpanija *de quo* ġiet inkorporata bħala *holding company* u ċioe' sabiex iżżomm l-assi, inklużi ishma varji f'kumpaniji sussidjarji. Jispjega li meta ġiet inkorporata s-soċjeta' *de quo,* is-soċjeta' rikorrenti saret l-unika azzjonista tal-kumpanija b'elf mija u sitta u sittin (1,166) sehem għan-nom tas-sidien benefiċċjarji li għandhom l-istess ammont t'ishma kull wieħed.

Isostni li bi żvista u mingħajr ebda malizzja kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni mas-sidien benefiċċjarji li wasal sabiex l-informazzjoni ma ġietx sottomessa filwaqt li wassal sabiex l-isem tal-kumpanija *de quo* tneħħa mir-Reġistru.

Jispjega li fis-sena 2022, is-sidien benefiċċjarji reġgħu bdew jikkomunikaw ma' Fenlex bit-tama li l-kumpanija *de quo* tkun tista' tiġi ravvivata u dana stante li kien għad għandha numru ta' assi ġewwa l-Ungerija. Jgħid li l-parir tagħhom kien li sabiex isir dan kien jeħtieġ li l-affarijiet tal-kumpanija jiġi regolarizzati.

Jgħid li mill-informazzjoni li għandu, dakinhar li l-kumpanija *de quo* tneħħiet mir-Reġistru kien għadha azzjonista ta' numru ta' kumpaniji kemm f'Malta u kemm fl-Ungerija, partikolarment tliet kumpanija fl-Ungerija u oħra f'Malta, liema kumpanija wkoll tneħħiet mir-Reġistru.

Jispjega li t-tliet kumpaniji Ungeriżi għadhom attivi u huma sidien ta' numru t'assi sostanzjali. Jgħid li fil-preżent dawn il-kumpaniji qegħdin fi stat fejn l-azzjonista m'għadhiex teżisti u għalhekk ma jistgħux jeżerċizzaw ċertu poteri sabiex ikunu jistgħu joperaw u jinnegozzjaw, li qed iwassal għal telf u danni. Isostni li jekk kemm-il darba l-kumpanija ma tiġix ravvivata, l-assi kollha tal-kumpaniji sussidjarji ser jintilfu favur il-Gvern ta' Malta li jkun ta' preġudizzju għas-sidien benefiċċjarji.

Jikkontendi li għalhekk saret din l-azzjoni sabiex il-kumpanija tiġi ravvivata. Isostni li s-sidien benefiċċjarji qegħdin jikkoperaw u jikkomunikaw sabiex il-pendenzi kollha mal-intimat Reġistratur jiġu regolarizzati, mentri s-soċjeta' rikorrenti u l-Grupp Fenlex qed jagħmel dak kollu li jista sabiex jassistihom f'dan.

Fl-affidavit tiegħu, **Andrea Bisetto** jgħid li huwa wieħed mis-sidien benefiċċjarji tal-kumpanija *de quo*. Jispjega li fis-sena 2008, hu u Giulia Ceccato, is-sid benefiċċjarju l-ieħor, kienu qabbdu lil Fenlex għal servizzi relatati ma' kumpaniji u fiduċjarji, fosthom kien hemm l-inkorporazzjoni tas-soċjeta' *de quo* li ġiet inkorporata fil-15 ta' Diċembru 2008.

Jgħid li meta ġiet inkorporata s-soċjeta' *de quo,* is-soċjeta' rikorrenti kienet ingaġġata sabiex tkun azzjonista fiduċjarja u għalhekk saret l-unika azzjonista b'ħames mija u tlieta u tmenin (583) sehem f'isem ix-xhud u fl-istess ammont għan-nom ta' Giulia Ceccato. Jgħid li Fenlex Corporate Services assistiethom ukoll b'servizzi ta' diretturi. Jispjega li l-istruttura kienet b'mod li kien hemm rappreżentant Malti jamministra s-soċjeta' *de quo* f'Malta. Isostni li minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni bejnu u Guilia Ceccato u ma' Fenlex wassal sabiex l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji tal-kumpanija *de quo* ma ġewx sottomessi fil-ħin li wassal sabiex il-kumpanija titneħħa mir-Reġistru.

Jispjega li s-soċjeta' *de quo* hija *holding company* li għandha numru ta' ishma f'kumpaniji oħra. Jgħid li hija azzjonista fi tliet (3) kumpaniji diversi fl-Ungerija u ċioe' Aura Nap KFT, Sfinge KFT u Pirko KFT kif ukoll ta' kumpanija Maltija bl-isem Ariete Consulting Ltd (C 40506) li wkoll ġiet mneħħiha mir-Reġistru.

Jgħid li fis-sena 2022 skopra li l-isem tal-kumpanija *de quo* tneħħa mir-Reġistru u għalhekk beda jikkomunika ma' Fenlex sabiex jifhem kienx hemm mod kif il-kumpanija terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru sabiex iżomm il-kumpaniji Ungeriżi attivi. Isostni li jifhem li hemm il-bżonn li s-sottomissjonijiet kollha jkunu fl-ordni u għalhekk qed jaħdem fil-qrib ma' Fenlex li qed jikkomunikaw mal-MBR sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija *de quo* tiġi regolarizzata. Jikkontendi li llum jifhem ukoll il-bżonn li jkollu komunikazzjoni tajba mal-Awtoritajiet Maltin u ma' Fenlex.

Isostni li għalih huwa kruċjali li l-kumpanija *de quo* tiġi ravvivata u dana stante li l-kumpaniji fl-Ungerija ma jistgħux joperaw jekk dan ma jsirx. Għalhekk jifhem l-eżiġenza li jikkopera sabiex is-sitwazzjoni tiġi regolarizzata. Oltre' minn hekk jgħid li jifhem li jekk il-kumpanija ma tiġix ravvivata l-assi tagħha jgħaddu kollha għand il-Gvern ta' Malta u ma jixtieqx li jsir dan minħabba li jkun ta' preġudizzju kbir.

Is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat ukoll għadd ta' dokumenti in sosten tat-talbiet tagħha li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji tagħha *ai termini* tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations*.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-**Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations***[1] , Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

> *(4) If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the Court to have an interest feels aggrieved by the*

[1] Ippublikat bl-Ingliż biss

*fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of the provisions of this regulation, the Court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in sub-regulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name of the company be restored to the register, order that such name be restored to the register, and up on an official copy of the order being delivered by the Registrar of the Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the Court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija **Fenice Holding Limited** ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellu r-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimata. F'dan il-każ, is-soċjetà rikorrenti żammet kelmitha u l-promessa magħmula mill-istess soċjetà rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha fir-rigward tal-Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations* kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti hija sodisfatta illi jkun xieraq illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* liġi sussidjarja 386.19, fi żmien ħmistax-il jum, terġa' ddaħħal l-isem ta' **Fenice Holding Limited (C 45840)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex twettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Fenice Holding Limited (C 45840)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi tista' tinkorri r-Reġistratur intimat sabiex tirrestitwixxi isem il-kumpanija **Fenice Holding Limited (C 45840)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**